MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2015

Rikors Numru. 218/2015

AB

vs

CBE

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz taghha ippremetta :

Illi l-konjugi zzewwgu fil-11 ta’ Marzu, 1990, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness;

Illi l-konjugi sseparaw permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Mejju, 2009 ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Busuttil, kopja legali qed tigi hawn annessa u ghalhekk jirrizulta li ghaddew erba` snin.

Illi minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal T, illum maggorenni, tifla R u Nl li huma minuri.

Illi l-minuri Nl qieghed fil-kura u l-kustodja t'ommu.

Illi ai finijiet ta' l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili jirrizulta skont l-istess kuntratt,

(a) Illi l-konjugi B ilhom legalment isseparati aktar minn erba` snin, u
(b) Illi ma jezisti l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u
(c) Illi ma jidhirx li hemm problemi fuq il-hlas ta' manteniment, skont kif miftiehem f'klawsola 7 tal-kuntratt ta' separazzjoni.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(i) Tippronunzja d-divorzju jew il-hall ta' zwieg bejn il-partijiet Borg, a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi primarjament l-esponenti tippremetti li hija jisimha CD u mhux CDM kif hija hekk indikata fl-avviz tas-smigh ta' dan ir-rikors;
2. Illi fit-tieni lok l-esponenti qeghda topponi li jigi ippronunzjat id-divorzju bejn iz-zewgt partijiet u dan ghas-segwenti raguni :

(i) Illi kuntrarju ghal dak li qed jghid ir-rikorrenti hemm problem dwar il-hlas ta' manteniment, skont kif miftiehem fi klawsola 7 tal-kuntratt ta' separazzjoni u dan peress li klawsola 7(a) tghid is-segwenti, *Ir-ragel jintrabat u jobbliga ruhhu li jhallas lill-mara s-somma ta' mija u hamsa u sebghin (€175) fix-xahar pagabbli bil-qudiem fl-ewwel jum ta' kull xahar bhala manteniment ghat-tifel Nl. Il-manteniment hawn pattwit jithallas permezz ta' standing order f'kont bankarju intestat f'isem il-mara. Il-partijiet qed ukoll jiftehmu illi dan il-manteniment ghandu* ***jizdied kull sentejn skont l-gholi tal-hajja*** *u dan il-manteniment ghandu jithallas sakemm Njaghlaq l-eta ta' tmintax-il sena jew jibda jahdem, skont minn liema wahda minn dawn jigi l-ewwel."*

(ii) Illi l-kuntratt bejn il-partijiet gie iffirmat fid-29 ta' April tas-sena 2009 u ghadha tiehu €175 fix-xahar bhala manteniment u dan peress li l-gholi tal-hajja r-rikorrenti qatt ma hallasha tieghu, ghaldaqstant biex il-kundizzjonijiet tar-rikors tar-rikorrenti jigu sodisfatti huwa jrid ihallas s-somma ta' gholi tal-hajja li ma hallasx sa mis-sena 2009 sal-lum, u jibda jhallas b'mod regolari l-manteniment bir-rata riveduta skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja b'mod regolari;

(iii) Illi ghalhekk ghad baqa' li r-rikorrenti jhallas lill-esponenti ghall-minuri Nl s-somma ta' €227.55 somma li tizdid ta' gholi tal-hajja li l-intimat suppost hallas lill-esponenti sa minn April 2009 sa April 2015;

(iv) Illi ghalhekk apparti li r-rikorrenti ghandu jhallas is-somma ta' €227.55 lill-esponenti huwa ghandu jibda jhallas manteniment minn April 2015 s-somma kull xahar ta' €194;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq espost l-esponenti ilhom aktar minn erba' snin isseparati legalment;
4. Illi zgur ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni;

Ghalhekk l-esponenti titlob li din il-Qorti ma tilqax it-talba kif postulata mir-rikorrenti sakemm ma jkunx hemm il-hlas indikat skont ir-risposta hawn fuq indikata;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Gunju, 2015;

Semghet lill-partijiet jixdhu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta’ Mejju 2009;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi illum ma hemmx aktar pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Illi l-Qorti rat ukoll it-talba tal-intimata li tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ dak ta’ D u il-Qorti qeghda tilqa’ din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni kollha mehtiega biex isem l-intimata issa ikun dak ta’ CD;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------